MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 160/2008

**Valhmor Borg Import Export Limited (C– 3062)**

**-vs-**

**Andrew Azzopardi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta' seba' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmi (€716.47) – (Lm307.58c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut. Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi izda baqa' inadempjenti. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Jannar, 2008, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-istess ittra u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' seba' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmi (€716.47) – (Lm307.58c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------